REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/2081

tat-28 ta' Settembru 2023

li jimplimenta r-Regolament (UE) 2023/1214 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/1214 tat-23 ta' Ġunju 2023 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 1(33) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-31 ta' Lulju 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 833/2014 ([2]), dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna.

(2) Fit-23 ta' Ġunju 2023, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2023/1214, li emenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 u introduċa miżuri restrittivi ulterjuri biex jiġu sospiżi l-attivitajiet tax-xandir fl-Unjoni, jew li huma diretti lejn l-Unjoni, ta' ċerti mezzi tal-media msemmija fl-Anness IV għar-Regolament (UE) 2023/1214. Skont l-Artikolu 1, il-punt (33), tar-Regolament (UE) 2023/1214, l-applikabbiltà ta' tali miżuri fir-rigward ta' wieħed jew diversi minn dawk il-mezzi tal-media hija soġġetta għall-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni mill-Kunsill.

(3) Wara li eżamina l-każijiet rispettivi, il-Kunsill ikkonkluda li l-miżuri restrittivi msemmija fl-Artikolu 2f tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 jenħtieġ li japplikaw mill-1 ta' Ottubru 2023 fir-rigward tal-entitajiet kollha msemmija fl-Anness IV għar-Regolament (UE) 2023/1214,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-miżuri restrittivi msemmija fl-Artikolu 2f tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 għandhom japplikaw mill-1 ta' Ottubru 2023 fir-rigward tal-entitajiet kollha msemmija fl-Anness IV għar-Regolament (UE) 2023/1214.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 159I, 23.6.2023, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Settembru 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
F. GRANDE-MARLASKA GÓMEZ